# GENERATION - X

Kitba ta'
Trevor Zahra
b'kollaborazzjoni ma'
Mario Azzopardi

***Jiehdu Sehem***:

Cabaret *(prezentatur)* ..........................................................................................

Xark *(ragel ta' mezza eta'... neguzjant)*..................................................................

Freddie *(segretarju fidil tieghu)* ..................................................................................

Prezentatrici *(tfajla fuq ruhha)* ....................................................................................

Genituri Nisa: 1.......................... 2............................ 3........................................

Cheryl ........................................... Arnold ....................................................

MISS - 1......................................... TFAJLA - 1 .............................................

MISS - 2 ........................................ TFAJLA - 2 .............................................

GUVNI ..........................................

GRUPPI TA' TFAJLIET/ GUVINTUR ..................................................................

.........................................................................................................................

..........................................................................................................................

..........................................................................................................................

---

## XENA 1

---

CABARET Allegrija sinjuri, allegrija! Wara l-bieb, bil-qieghda fuq l-ghatba, ghadni kemm iltqajt ma'..... le le mhux ma' Antonio Sabato... iltqajt mat-Tielet Millenju! Iva sinjuri smajtu sewwa. It-Tielet Millenju! Dalwaqt iqum b'sahna minn fuq l-ghatba u jitfa' l-bieb gewwa. Hekk hu sinjuri. Jitfa' l-bieb gewwa l-istess bhalma kien ghamel Gahan. (Insomma mhux ezatt, ghax dak kien qala' l-bieb u kaxkru warajh). Imma issa hallina minn

Gahan. La darba t-Tielet Millenju qieghed wara l-bieb, jaqbel li nhejju ruhna sewwa, biex meta jasal isibna *in form*. Sinjuri, ma nhallux lit-Tielet Millenju jitkaza bina. Jehtieg jintebah li ahna generazzjoni gdida. Kollox modern u sofistikat. Mo-dern-u-So-fis-ti-kat!

----------------------------------------------------------------------------------------------------------

## XENA 2

----------------------------------------------------------------------------------------------------------

Kor ta' tfajliet u Guvintur:

FLIMKIEN Ahna t-tfajliet u l-guvintir tal-Generation-X. Tafu l-ghaliex jghidulna hekk? Le? Your business! Ahna l-generations tad-discos:
Dixies, Slimmers, Fellow-Rockers, Rambo, Ghost Busters, Show-Case-Trim, Bummer 5!

GUVNI-1 Biex niehdu ftit buzz, il-lejla ghas-*Sleazer* imbaghad ghall-*Jives.*

TFAJLA-1 *Jeans Weasel* Lm30 *stonewashed*, biex Jason l-Ghadmu jiffansjani. Qmis, dublett u zarbun *Fleeplay* Lm120. Nofshom silifhomli Martin is-Sigarru u ma nafx meta se naghtihomlu lura.

TFAJLA-2 Zarbun Dr. Gartin ma sibtx ghax saqajja zghar.

TFAJLA-3 Kalibu' bil-pineapple 1.75 jew tintefa' fuq il-vodka bil-lime 1.80.
Il-lista fancy u l-but irid ikun fond hafna. Billy l-Baby Elephant xtrali Timar bil-Coke. Xebghu Denikin bil-Lm1.75 u hallasli kollox James il-Killu.

GUVNI-2 Zarbun designer, man. Bounty Jack Lm35

TFAJLA-4 Doctor Gartin, bil-hadid u bil-ponta, jekk joghgbok. How much? Lm45. Thanks u hallik mill-ircevuta tal-VAT. Biha u minghajrha xorta.

GUVNI-3 Jeans Fiammini jew Bajfil - Lm25 ...u ha nghidlek... iggiddimt biex xtrajtu!

TFAJLA-5 Dungerees size 24. Wine, jekk joghgbok, ghax faqgha. Ohti xtrat l-abjad imma jien irridu differenti. Percy l-Brosnan qalli: "Il-hanina dinja kemm jixraqlek!" Ippakkjah please. Kemm? Lm25? OK, hadtu.

FLIMKIEN Ahna tal-Generation-X.
A Tad-Diexy u s-Slimmers.
Tar-Rocker u Stickers.
B Id-drink Kalibu'
U l-life fil-Bambu'
A Tal-voka bil-coke
U l-qomos tal-Bloke
B We're nice dolls 'n guys
And we're full of spice

Flimkien — Ahna Generation-X.  Tal-Weasel u d-Disco. Ghandkom permess tisolhuna !

-----------------------------------------------------------------------------------------------------------

**XENA 3**

-----------------------------------------------------------------------------------------------------------

Fl-Ufficcju tax-Xark:

*Ix- "Xark" jidhol in-xena, ifaqqa' subghajh u ma' kull tifqigha jaslu tfajliet (b'ilbies modern u attraenti) inezzghulu l-lobbja, il-kowt, ix-xalla u jdendluhom f'posthom, ipoggulu s-sigarru go halqu, jixeghluhulu.... kollox mekkaniku donnu ritwal li ilu jsir iz-zmien.*
*Meta jlestu, Xark ikeccihom b'tixjira ta' idu, ipoggi wara l-iskrivanija u jsejjah...*

XARK — Freddie... Freddie

*Jidhol is-Segretarju tieghu b'mazz karti u files f'idejh.*

XARK — Il-figuri!

*Segretarju jnewwillu l-karti.  Xark jispezzjonahom u ma'  kull karta li jqalleb izid ikemmex xofftejh.*

XARK — Mhux bizzejjed!   Mhux bizzejjed!  Dax-xahar sejrin hazin.

FREDDIE — Hekk deherli jien ukoll....

XARK — X'deherlek ?

FREDDIE — Li sejrin hazin !

XARK — *(Jahtfu)*  U bqajt b'idejk fuq zaqqek!!

FREDDIE — Le... le ma tarax ... hadt hsieb inzidu r-reklami... u bdejna naghtu hafna rigali..

XARK — Mhux bizzejjed.  Taf kemm investejna flus fl-importazzjoni, hux?  U taf ukoll li hemm min qed jipprova jidhlilna fil-ghalqa... jikkompetilna bil-goff.

FREDDIE — Iva Xark... imma l-prodotti taghna superjuri...

XARK — Tkux imbecilli!  Ahna rridu naghmluhom superjuri. Ahna!

**KANZUNETTA Nru.1**

XARK Jekk prodott hux veru fin
Hux O.K. jew hazin,
Hadd mhu lest jahli l-hin,
Hadd ma juri nteress;

’Kk ma jkunx hemm pubblicita’,
B’hafna hsieb... b’serjeta’,
B’hafna hoss... b’varjeta’,
W ibqa’ cert ikun success.
RIT: Nuruhom nies famuzi w maghrufin,
Sinjuri sew u lkoll helwin;
Juzaw il-prodott taghna w taghna biss
Wisq imfittxija min-nies tal-mument;
Biex tkun famuz... u turi ’l int grazzjuz,
Aghmel bhall-massa... taghtix kas tal-flus!

FREDDIE Fir-reklami ssib kull hin
It-tfajliet ikoll helwin,
Kollha jharsu mbissmin
Kollha b’*figure* ... xi hlew !

U l-istess il-guvintur,
Qalbek jaqsmulek zgur,
Fuq daqsxejn ta’ mutur,
Lit-tfajliet qed jistennew.

FLIMKIEN RIT: Nuruhom nies famuzi w maghrufin,
Sinjuri sew u lkoll helwin;
Juzaw il-prodott taghna w taghna biss
Wisq imfittxija min-nies tal-mument;
Biex tkun famuz... u turi ’l int grazzjuz,
Aghmel bhall-massa... taghtix kas tal-flus!

Fir-reklami ssib kull hin
It-tfajliet ikoll helwin,
Kollha jharsu mbissmin
Kollha b’*figure* ... xi hlew !

U l-istess il-guvintur,
Qalbek jaqsmulek zgur,
Fuq daqsxejn ta’ mutur,
Lit-tfajliet qed jistennew.

MUZIKA

XARK: ’Kk ma jkunx hemm pubblicita’,
B’hafna hsieb... b’serjeta’,
B’hafna hoss... b’varjeta’,

W ibqa' cert ikun success.
W ibqa' cert ikun success.
W ibqa' cert ikun success.

---

## XENA 4

---

CABARET U Freddie f'daqqa wahda ftakarli hu kellu rasu u go din ir-ras kellu mohh u dan il-mohh xoghlu suppost hu li jahseb. U hekku, sinjuri, Freddie beda jahseb. U gietu idea tajba: l-INTERNET. Freddie halla lil kulhadd jidhol jorqod, ghamel stanjata kafe', xeghel il-kompjuter u --Cluff-- dahal go l-Internet. U beda jfittex.
Imma, imsejken Freddie fuq l-Internet sab hwejjeg li xejn m'ghogbuh.

*Johorgu numru ta' annimali (fniek, klieb u grieden) flimkien ma' ragel liebes ta' bojja. Waqt li l-vuci tghid dan li gej, l-annimali u l-bojja jaghmlu mima.*

VUCI "L-Annimali jsofru martirju minhabba t-testijiet tal-kosmetici."
Ta' kull sena madwar 14-il miljun annimal jinqatlu b'mewt mill-aktar harxa minhabba testijiet ta' kosmetici li jsiru fuqhom.
Fniek jinfethulhom ghajnejhom u jisprejjawlhom go fihom likwidi irritanti.
Sustanzi tossici jigu ppumpjati go l-istonku taghhom jew minn toqob li jsirulhom f'gerzumthom.
U l-annimali jwerzqu u xi whud sahansitra jiksru l-gewza t'ghonqhom bil-genn li jaqbadhom....

*JIDHOL FREDDIE*

---

## XENA 5

---

FREDDIE Iskot... bizzejjed.
*(taparsi bi swied ta' qalb)* Qed inhoss qalbi tinghafas.
Imma aktar inhossha tinghafas jekk il-pubbliku jsir jaf b'dan kollu! Dan l-Internet ukoll... kemm jindahal fejn ma jesghux. U wara kollox jien x'ghandi bzonnu ta' l-Internet. Jien ghandi mohhi.
*(B'lehen ta' stupidu:)*
***Seduction*** ... l-*After Shave Lotion* infittex minn kulhadd. ***Seduction***... igieghlek thossok frisk, nadif, b'sahhtek.. u fuq kollox... attraenti.
***Seduction***... jinbiegh mill-hwienet ewlenin kollha. ***Seduction***.

*Jidhol XARK irrabjat.*

XARK Zommu kollox. Ieqaf. Din hija l-pubblicita' li suppost organizzajt?? Warrab min-nofs. *Take Two!*

*Tfajla u guvni jizfnu mar-ritmu ta' muzika suggestiva, il-guvni pjuttost statiku waqt li t-tfajla ddur mieghu u "xxammem".*
*F'salt wiehed il-muzika tieqaf hesrem... Vuci hoxna... femminili... tinstama' tghid:*

*"SEDUCTION" the taste of my man! (Jew xi frazi simili)*

---

## XENA 6

---

CABARET
Izda sinjuri, issa wasal il-waqt li nintroduckom mal-karattri favoriti taghna. Imma... ghandkom tkunu tafu li dawn huma kemmxejn misthija u jekk ma taghtuhomx capcipa ma' johogux. Isa sinjuri.. capcipa.

*Wara c-capcipa Cabaret jmur fil-kwinti u taparsi jkellem lil dawn il-karattri.*

Tajjeb hekk? Le?

Sinjuri, qed jghiduli li jridu xi haga ahjar. Ara kif naghmlu. Nghidilkom wiehed-tnejn-tlieta u mat-tlieta kulhadd jghajjat CHERYL. U mal-kelma Chyrel, capcipa kbira.
Kollox sew? Mela... wiehed... tnejn... tlieta.

*Tohrog Chyrel. Cabaret isellmilha u jidhol 'il gewwa.*

---

## XENA 7

---

CHERYL
Iddecedejt li nohrog *not because of your applause*, imma biex niccaraw ftit dil-bicca dwar ismi. *Since you know* li ismi huwa Cheryl, allura *you ought to know* li kulhadd jafna bhali l-*Gender Bender. An' I prefer this pet-name,* man ! *It suites me!*
*I'm 15!* Il-boys kollha *they're always betting on me...* biex jaraw min ghandu hila jaqbad mieghi. Imma *they just lose every single bet*, ghax jien, man, nohrog ma' min niddeciedi jien.
*I like hipsters and cropped tops* (biex tkun tista' tidhirli l-*belly button* eccezzjonali li ghandi). *Saturday night I wear my mini-skirt* u qmis inkaxxata mieghi, kemmxejn tleqq. Qatt smajtuhom jghidu li s-Sibt flghaxija Paceville *there'll lots and lots of water puddles?* Dawk kollha minhabba fija, ghax malli l-guvintur jarawni... jinhallu!
*My favourite pop-star is* Peter Andre ghax id-diska *Mysterious Girl* iggenninni. *And besides* Peter Andre ghandu gisem u hadd ma jizfen it-*techno-pop* daqsu. U biex inkun ghidtilkom kollox *I also like Take That and Spice Girls.*
Kuntent issa, man?

*CHERYL tidhol 'il gewwa*
*Min-naha l-ohra jitfacca CABARET donnu qed itir gos-shab.*

---

## XENA 8

---

CABARET Tkellmunix... halluni ftit wahdi... hekk... nimmedita.
Hmmm... x'tifla dik! Ikollna nammettu sinjuri... *She's got class!*
*(jibdel it-ton ta' lehnu).*
Imma intom it-tfajliet m'ghandkomx ghax tiddizappuntaw ruhkom.
Ghalikom ghandna wkoll xi haga specjali. Kaxxa nfernali sinjuri, ippakkjata u ssikkata, imma malli tifthilha l-ghatu... PUFFF ! Terremot.
Ghalikom sinjuri, iz-zaghzugh tas-sena, li minhabba fih tghidx kemm tfajliet qed jibilghu *containers* shaha ta' kalmanti, il-guvni *cool* li b'sidru miftuh se jiffaccja t-Tielet Millenju.
Ghalikom sinjuri.... ARNOLD!

---

## XENA 9

---

*Johrog ARNOLD letargiku ghall-ahhar. Idejh fil-but u donnu bil-kemm ghandu aptit jiccaqlaq.*

ARNOLD Hawn.. kollox sew ras? *I'm called* Arnold.
*(jieqaf u jiccassa lejn xi hadd mill-udjenza). Yea...* Arnold jisimini, trid xi haga jew? Arnold... *just plain and simple* Arnold... *and no connections with* Schwarzenegger. La jimpurtani minnu u lanqas ma nghir ghalih.
Jiena ghandi fifteen years, erba' xhur, hamest ijiem u...
*(ihares lejn l-arlogg)* saghtejn u kwart!
Ghall-*compjuter games* hadd mhu *fast* daqsi. Il-*joysticks* nilghab bihom daqs kieku kienu *steering* ta' karozza.
Il-bierah kelli xi nghid m'ommi. Riditni nnehhi l-posters li ghandi nwahhlin fil-kamra. *They really,* faqgha ras? Ghandi sitta ta' Pamela Anderson.
X'inhu??? *You don't know who's* Pamela Anderson??? Mela qed tghix wara l-muntanji , ras? U dik hemm.. kif jista' jkun ma tafhiex... dik li mliet lilha nnifisha kollha bis-*silicone*.
Mela x'inhu! *An' I luv music*, ras... *yea*... Brit Pop bhal ta' l-Oasis, il-Blur u ghad-disco aghtini t-*techno* u ara tkellimni, ras.
Imbaghad wara d-disco *well go divin' for chicken nuggets* mgharrqin fiz-zejt u b'hafna melh u ketchup. Jew xi pizza deep-pan minghand Pack Ronalds. *They say fast foods are unhealthy*. Jien diehel u hiereg niekol ghand Burger Sting u ghand Bentucky Dry. Harsu lejja... *Do **I** look unhealthy?*. Imbaghad erbgha birra ras, u Pessi bil-qoxra tal-laring.
U t-tfajliet iduru mieghi *like a swarm of bees on honey.*
Hallejtek ras, ghax il-*Gender Bender* qed tistennieni.

---

<u>Tliet nisa mezza eta' madwar mejda qed jiehdu *capuccino*.</u>

Mara-1 *Then I told Ronnie*: "Mela dawn jistednuna ghal *cocktail* hekk, *in such short notice*... jien m'ghandix x'nilbes.

Mara-2 Dawn hekk jaghmlu. Dorna Malta kollha naraw il-kmamar tal-banju. Imma kollox racanc u jitolbuk il-belli liri.

Mara-3 Issa la tkun lesta l-*pool* naghmlu *house-warming*... u meta jidlam kulhadd ghal gol-*pool*. Ha..ha..ha u minn *house-warming* isir *house cooling.*

Mara-1 Imbaghad *Ronnie told me... Why worry hon, (honey)* Aqbad il-*Peugot, take your Visa with you and get one. There were sales in Valletta, but* kollox *out of fashion*. Tas-Sliema kont rajt libsa tal-genn.

Mara-2 Tiftakruha l-kamra tal-banju ta' Melrose Place. Jien ridtha ezatt bhal dik. Hekk ghidtlu lil Jes, "Din darba se naghmluha!"

Mara-3 Issa jonqos il- *patio* bis-*slabs* tal-lava li se naghmlu preciz qudiem il-*pool*. Mrs Deguara Demicoli qaltli *"Brenda, darling, that's real chic!"*

<u>*Mill-Udjenza jitfacca Cabaret*.</u>

CABARET *Cut....*

*Mal-kelma <u>CUT</u> it-tliet nisa jieqfu fi <u>Freeze.</u>*

CABARET Hekku Sinjuri, dawn il-povri tliet nisa tad-dar skappaw ghal mument mill-jasar tal-*micro-wave,* tal-*hoover* u tat-*Tumble-dry* u hargu jiehdu, bi dritt, ftit ta' l-arja... anzi biex inkunu aktar teknici, hargu jiccargjaw il-batteriji taghhom sabiex ikollhom aktar forza halli jkomplu jaffrontaw sidirhom ghax-xoghol iebes tad-dar.
Sinjuri, ara ma tahsbux li dawn it-tliet pupi helwin m'ghandhomx ukoll l-inkwiet taghhom.
Eh... hbieb tieghi, fid-dinja mhemmx ghalfejn ikun jismek Crocifisso Saliba biex tkun imsallab.

<u>*It-Tliet Nisa jkompli bhal qabel:*</u>

Mara-1 Ruhi, Brenda, it-tfal tal-lum *they drive you crazy.* Lil Clive konna xtrajnielu 323 *for his 18th birthday.* Issa habat biha u qal li jrid ibighha. *Actually,* miskin, *it wasn't his fault.* Qal li jrid idahhal *convertible.*

Mara-2 *Yes I know.* Problemi wahidhom. Lil Steffi ma nistghux illahhqu maghha. Ghandha kemm ghandha hwejjeg qatt m'ghandha bizzejjed. Jes, miskin jahdem daqs kelb u hi dejjem trid.

Mara-3 Il-bierah kelli xi nghid ma' Claire; ghidtilha ruhi l-*party* tas-*16th birthday* ikollu jistenna. Ma jistax ikun, bl-ispejjez tal-*pool*. Bdiet tibki u qaltlili ma tridx tkun aghar minn haddiehor.

Mara-1 *My-Oh-My.. they do drive you crazy.*

Mara-2 Ahna ma trabbejniex hekk.

Mara-3 Ghidtilha Claire ruhi, ara jien kemm kelli nistenna biex ikolli *pool*, u inti ta' 16 ga se tidra biha.

Mara-1 *I'll tell you something, girls: It's hard to be a Mum these* days!

-----------------------------------------------------------------------------------------------------------

## XENA 11

-----------------------------------------------------------------------------------------------------------

<u>Xark u Freddie jinzlu qalb l-udjenza.</u>

Xark Ha nara ftit, ha nara. Kemm hawn minnkom li ghandhom tliet karozzi .... tliet karozzi tieghek personali ?

Freddie Hii.... m'hawn hadd!!

Xark U kemm hawn minnkom li ghandhom tlitt idjar.

Freddie Wahda fis-*Swieqi Area*, ohra Bugibba u ohra Ghawdex.

Xark Hadd.... x'gharukaza!

Freddie U l-ilbies Xark ?

Xark Mela, mela... dwar l-ilbiesi nahseb li nsibu lil xi hadd. Isa.... kemm hawn minnkom li darba kull xahar jitilghu Londra jew Parigi ghax-*shopping*. *(jonfoh)* Inhossni qtajt qalbi.

<u>*Jitilghu fuq il-palk*</u>

Xark Qed tara, Freddie, kif sewwa nghidlek jien li dal-pajjiz ghadu jghoddu ma' dawk tat-tielet dinja. Ghadna nghixu fil-faqar; b'id wahda naqilghuha u bl-ohra nikluha; *standard of living* taht iz-zero; emarginati; minsijin.

Freddie Iskot Xark... se tqabbizli d-dmugh.

| | |
|---|---|
| Xark | Iva habib, verament inhoss li ahna ghandna missjoni xi nwettqu. Ghandna ideal qaddis li jehtieg nilhquh. |
| Freddie | Qed tfakkarni f'Mother Theresa! |

---

## XENA 12

---

CABARET — Sinjuri, jien nghidilkom taghtu kaz ta' hadd... la tax-Xark, la ta' Freddie u lanqas ta' dawk it-tliet genituri sfortunati li zwieg qed ikollhom ta' kuljum imorru jirregistraw. L-istudju modern jistrieh biss fuq is-sondaggi, il-*vox-pop*, l-intervisti man-nies tat-triq, ma' dawk li jkunu bil-qieghda fuq it-targiet tat-teatru l-imwaqqa' jew quddiem il-qorti.
Dawk huma l-polz tal-pajjiz. U jekk xi darba tigi quddiemkom xi tfajla helwa bil-mic. f'idha u b'ragel qsajjar iqandel il-*video camera* fuq spalltu, oqoghdu attenti xi tghidu, ghax x'aktarx dak inhar stess flghaxija Malta kollha tarakom fuq it-TVM jew is-Super-One.. jew fuq dak l-iehor li se jiftah xi darba... u tghidx kif thossu wicckom jaqa' l-art jekk tghidu xi haga li tkunx taqbel ma' li jghidu l-ohrajn. *You'll be the odd one out, man!*

*Tfajliet u guvintur jippassiggaw. Tidhol tigri* **<u>PREZENTATRICI</u>** *bil-mikrofonu f'id wahda u xi karti fl-ohra. Iehor wara bil-video camera. Tibda ddur maz-zghazagh u tistaqsihom:*

| | |
|---|---|
| PREZ. | Skuzi Miss... il-*jeans* li ghandek x'marka hu ? |
| MISS-1 | Ma nafx... xtrajtu minn fuq il-Monti... ma qghadtx naghti kas. |
| PREZ. | Naturalment... ghax dan tuzah ghal kuljum. Imma jekk tkun trid tixtri *jeans* ghal tibdila... ghandek xi marka... xi ditta... li tippreferiha... ? |
| MISS-1 | Ma nafx... l-aqwa li l-prezz ikun baxx... mhux hekk? |
| | *<u>TERSAQ CHERYL</u>* |
| CHERYL | *Sorry Miss... May I put just one comment? Yea...* jiena nippreferi ginsijiet tad-ditta GRAND CANYON. |
| PREZ: | Ghandek xi raguni? |
| CHERYL | Of course... hmmm, kif nghiduha... *I just feel tops.* |
| PREZ: | Qatt ippruvajt xi marka ohra ? |
| CHERYL | *Yea, but quite some time ago. Now I've discoverted* GRAND CANYON! *Thy're just the best !* |
| PREZ: | U l-prezz ? |

CHERYL Il-prezz *speaks for itself.* Il-GRAND CANYON huma l-oghla u allura bil-fors *the best!*

<u>*JERSAQ ARNOLD*</u>

PREZ: Mr ????

ARNOLD Arnold, ras. *Just, plain and simple Arnold!*

PREZ: Meta tidhol go hanut biex tixtri *jeans*....

ARNOLD Frankly ... jiena... *I never buy my clothes locally. Twice a year...* nitla' *holiday* sa Parigi u l-hwejjeg ingibhom kollha minn hemmhekk...

ARNOLD U x'marki taghzel ?

GUVNI *Definitely <u>Jean de la Croux</u>! Suites, shirts, T-shirts,* cintorini, *socks....* naqleb biss ghas- *<u>Saint Julien</u> when it comes to under wear.*

**<u>KANZUNETTA Nru 2</u>**

*(Il-Praspar ta' Gahan)*

TFAJLIET/
GUVINTUR

Oh really, we feel great, we feel kuntenti,
When we go out... hekk, b'dan l-ilbies famuz,
We know that we are sbieh u attraenti,
And we don't give a damn kemm jiswew flus.

CHERYL

Fuq magazine kont rajt this lovely sweater,
I just got crazy, qabdt u bghatt ghalih,
Wisq isbah mill-ohrajn,
U x'hin nilbsu I feel fine,
Li kien elf lira xorta kont nixtrih!

KULHADD

***<u>Rit:</u>*** *Hares, hares, look at me Man,*
*Kemm jien tal-Genn !*
*All the others kemm iharsu lejna,*
*Jghid kulhadd... my goodness xi gmiel gej;*
*They just fell ashamed li jpoggu hdejna*
*'Cause they know li ahna lkoll O.K.*

*People say li ahna tant specjali,*
*Jindunaw... imqar they look just once...*
*Ahna nafu kif bl-ilbies nimpressjonaw*
*Please don't try... zgur maghna m'ghandekx cans!*

ARNOLD

I got this fine arlogg minghand il-Grannie
Ghax il-licenzja gibt... I passed my test;

I also got his jacket from Aunt Annie,
Ghax jafu that I always want the best;

'Cause since I was a kid ridt kollox sewwa
Kont dejjem irrid toys tassew first class,
Ghax jekk ma jkunx toy fin
I just wouldn't even dream!!!
Flok nilghab bih, tghidx kemm kont naghmel fuss!

KULHADD **_Rit:_** *Hares, hares, look at me Man,*
*Kemm jien tal-Genn....*

--------------------------------------------

PREZ: *(Tindirizza lill-udjenza)*
Jidher car li l-gosti taz-zghazagh tal-lum, qeghdin kull ma jmur isiru dejjem aktar sofistikati. Saru silettivi, jafu xi jridu, jaghzlu bir-reqqa u bl-intelligenza... kollox jindika li pajjizna miexi spalla ma' spalla mal-bqija tal-pajjizi zviluppati. U issa nirritornaw il-linja lejn l-istudio.

----------------------------------------------------------------------------------------------------

## XENA 13

---

CHERYL *bil-mobile phone f'idha :*
Hiii Stef.... inti *tonight you're coming*, hux, ghall-*birthday party* ta' Clive. Tghid x'se nilbsu, ghid? Il-mini? U le*, Clive saw me in it last week.* Inti *what, are you're wearing*, ej? *Yea.. I like the idea.* Inkunu qisna *twins*. *All in black. OK Stef. Now I've got fly. Tara!*

*Iccempel numru iehor.*

Borg Vella Lanzon? *May I talk to Solange please. OK thanks. Hiii* Solange... *Listen luv... tonight we're all going to wear black* ghall-*party* ta' Clive. Jien *I've got that mini* u l-gakketta tal-gilda*. We'll have a buzz*, ej? OK? Ha nghidlek, *luv... could you please pass on the massage. Call Pamela and Amanda*. Ghidilhom kulhadd *in black.. jet-black. Tara.*

*OK so that's settled*. Issa *tonight* huma *they'll be all in black*... u jiena ... *oh yea.... I'll be wearing red. Yes man, flame red!!*

Cheryl titlaq
Jitfacca ARNOLD ... ukoll bil-mobile phone f'idu.

ARNOLD Hawn ras. Kif m'gharaftnix? Arnold. Inti l-lejla *you're coming* hux ghall- *After-Tea-Disco?* U mhux bhas-soltu... *from three to seven....* ix-Xemxija. Imbaghad wara *we'll go bowling. And listen...* kulhadd bil-beritta u T-Shirt tal-Milan, eh. Ghal hawn ras.

Jerga' jcempel.

Hawn Russel...orrajt, man? Iva... *that's why I was calling*. Mela ga taf. Kif, *you're not sure?* U ejja ras.... *get Sandra along with you!* U ejja, Russel, niehdu buzz.. se nkunu lkoll bit-T-Shirt tal-Milan u bil-beritta. *That's right!* Nistennewk mela. Caw ras!

---

## XENA 14

---

CABARET Buzz Buzz Buzz Buzz Buzz Buzz Buzz Buzz...
X'hemm isbah mill-buzz, sinjuri. L-aqwa li nkunu mal-hbieb, u fuq kollox, qabel kollox, u kollox ma' kollox.... l-aqwa li nkunu nidhru *cool Man...* kollox postu u jlellex. Gakketta, mini, T-Shirt, *ski-pants....* u *make-up* tal-genn!

*Muzika tar-Reklami.*
*Johorgu erba' tfajliet (A,B,C,D,) jizfnu, jieqfu wiccchom lejn l-udjenza u kull wahda tohrog stocc lipstik. Wahda mit-tfajliet (D) ghandha stocc lipstik differenti minn ta' l-ohrajn. Waqt li jharsu lejn l-udjenza t-tfajliet jaghmlu l-lipstik.*
*Jersaq guvni. Tfajliet A,B,C jersqu jigru lejh jippruvaw jigbdu l-attenzjoni tieghu. Dan iwarrabhom. Jersaq fuq tfajla D, ihares lejn xofftejha, jghannaqha u jitlaq maghha.*
*Vuci maskili tinstama' tghid:*

VUCI Lips by GLOSS-FACTOR... they don't need to talk!

---

## XENA 15

---

XARK u FREDDIE
Freddie jidhol b'tabella f'idu bl-ittri S.K.T.B.P.

FREDDIE Xark, din x'se naghmel biha... inwahhalha x'imkien?

XARK Dik wahhalha ma' mohhok.

FREDDIE Ma' mohhi ? Mhux ahjar inwahhluha fuq il-bieb ta' l-ufficcju?

XARK Dik ktibtha apposta ghalik biex forsi tibda ddahhal trabbi sens.

FREDDIE Jigifieri nista'nzommha.

XARK Zommha u tghallem.

FREDDIE *(Ihares lejha skantat)* Nitghallem... S.K.T.B.P.

XARK Prosit! Li tfisser ...?

FREDDIE Forsi... forsi... Sitt Kannoli u Turtiera Bil-Pastizzi.

XARK Pastizzi ta' qattus gennek. SKTB hija l-ghaqda taghna: SOCJETA' KIF TISLOH BIL-PULIT. Kull kelma fiha tifsira. SOCJETA' tfisser: ghaqda... grupp... gemgha... jigfieri wiehed wahdu ma jaghmel xejn. Jehtieg inkunu ghaqda! KIF TISLOH... tisloh.. taf xi tfisser ... tqaxxar minghajr ma' thalli xejn. Tmexmex! Trid ghajnejn ta' seqer biex ma jahrablek xejn. U fuq kollox BIL-PULIT. Din hija l-qofol ta' kollox. Bil-Pulit. B'hafna studju u strategija. Kollox fin fin. Issa qed tifhem xi haga.

FREDDIE Iva, boss.. imma jien nahseb li l-kelma XARK tigbor kollox ukoll.

XARK Ghandek zball habib... mhux il-kelma Xark tigbor kollox, imma l-kelma pubblicita'.

---

## XENA 16

---

JINZEL SCREEN u fuqu jibda jidher video (jew slides) waqt li CABARET jikkummenta.

CABARET Tpaxxew sinjuri, tpaxxew....
Pelrose Maze u BayNotch --- is-soap operas, mhux biss riha ta' sapun, imma riha ta' dak kolu li hu *chic*, ta' kull ma' hu *first class,* attraenti, sofistikat, fejn l-atturi jbiddlu l-libsa kull saghtejn, iz-zarbun kull tliet sighat, *hair gel* jitbiddel kuljuma, l-*aue de cologne* kull tlitt ijiem u l-mara tinbdel kull gimgha.

Jackie Michaelson.... l-attur abjad li wahhalha f'rasu li jrid isir iswed, u minflok xtara stocc *stage-make up* ta' hamsin centezmu, iddecieda li jaghmel hamsin operazzjoni u wiccu minn abjad spicca vjola, u meta suppost jehmar bil-misthija wiccu qed isir ahdar, u meta jirrabja jsirlu blu u meta tiehdu x-xemx isir pistacca. Izda bis-sahha t'hekk offrewlu l-parti principali fil-musical *Joseph and His Technicolour Dream Coat* u Disney Studios, li qed ihejju verzjoni gdida tal-*Wizard of Oz,* talbuh ikanta t-*title song: Over the Rainbow!*

Is-*Super-Star, Sexy-Symbol*: Primadonna, li ghandha kollezzjoni eccezzjoni ta' *superbras*, wiehed forma ta' *cone*, ideali ghall-gelat tal-vanilla, iehor ibbazat fuq il-piramida ta' Giza, iehor spazjali miksi bil-kromju u iehor ispirat mill-film *Braveheart*: b'zewg lanzetti fil-ponta...

utli hafna ghal meta tkun fil-folla u tkun trid lil kulhadd iwarrablek min-nofs.

Eccezzjonali.... l-i*SpiceGirls*.... hames tfajliet b'garanzija li jgennuk mhux biss bil-muzika unika taghhom, imma wkoll bil-personalita' tal-genn li ghandhom. Hames tfajliet mimlijin *spice.... curry* u *cinnamon* sinjuri.... wahda sportiva, wahda gentili, ohra aggressiva, ohra misterjuza, ohra seducenti... Ghiduli, sinjuri, liema kcina orjentali jew occidentali se ssibu fiha daqstant *spice!??*

Tpaxxew sinjuri... u zommu dejjem f'mohhkom li jekk it-Tielet Millenju ma jsibniex attrezzati bhal dawn, jerga' lura mnejn gie u jhallina fid-dalma taz-zminijiet Medjevali.

---

**XENA 17**

---

XARK wara l-iskrivanija bit- t-telefon f'idu:

XARK Kollox sew? Gharaftni hux? Ismaghni sewwa.. ghax din importanti: il-gimgha d-diehla nibdew inqassmuhom. Iva... hamsin *juke-box*. Hamsin. Fil-canteens kollha se nistallaw wahda. Dazgur... fornuti bl-aqwa muzika tal-mument. U sibna *sponsor* ukoll. *Sponsor* u parrrinu. Daqshekk biss nista' nghidlek... fuq it-telefon ma nhobbx naghti hafna dettalji. U haga ohra.... se nqassmu mijiet ta' pakketti ta' sigaretti b'xejn. U ma tarax li m'ahniex se mmorru nhabbtu bieb bieb!!! Inqassmuhom barra fit-triq qabel ma jidhlu ghad-disco.
Mela x'inhu... hekk hu... hekk hu... hadd mhu se jghallimna kif norganizzaw kampanja. Caw man.... inti ibaghtilna c-cekk u halli kollox f'idejna!

---

**XENA 18**

---

Tfaljiet u guvintur bil-pakketti tas-sigarretti f'idejhom imdawrin ma' juke-box... jizfnu.

CHERYL *(Lil Tfajla-2)* X'inti tixrob ?

TFAJLA-2 *Soft drink.*

CHERYL *Soft-drink! Soft-drink* dal-hin? Hawnhekk ? *Your must be out of your mind.*

TFAJLA-2 Il-wiski dejjem *triggers off a headache.*

CHERYL *But it depends what kind of wiski!* Qatt doqtu dan.

TFAJLA-2 *What's that?*

CHERYL K & G. *(Taghmel vuci formali)* ***K & G...the only K and the only G***.

TFAJLA-2 Jahraq ?

CHERYL *My goodness!! Of course* li jahraq. *Have a sip*. Kont taf li din hija l-unika *drink* li jiehu *Pierce Brosnan*.

TFAJLA-2 *No kidding!*

CHERYL *Come on... try it.*

*TFAJLA-1 tiehu boqqa.*

CHERYL *Well ?*

TFAJLA-1 Hmmm... *jahraq a wee bit. But... not bad! I say... not bad at all.*

CHERYL *Come on Luv... join the K & G generation!*

**MUZIKA** u **KANZUNETTA Nru 3**
*(Tarani Quddiem)*

CHERYL
Kull meta rrid li nkun ftit happy,
U ma nisthi xejn minn hadd,
Bi drink f'idejja, nithajjar
Intajjar
Id-dwejjaq li ma jaqtghu qatt.
Nixorbu mhux biss ahna z-zghazagh,
Jixorbu anki l-aqwa nies,
Film-stars famuzi
B'karozzi lussuzi,
Tarahom zgur bi drink daqsiex!

***RIT:***
*L-istess bhalhom jien*
*Ma rridx nitlef zmien,*
*Jarawni fuq tieghi*
*Kuljum bi drink mieghi,*
*Jghidu din all right!*

*Ikun b'hekk bhall-kbar,*
*U nhossni ahjar,*
*Irrid niehu l-hajja*
*Il-hofor u t-tlajja'... bic-cajt!*

U s-sena d-diehla mutur kbir se nixtri,
Gakketta wkoll u buz daqsiex,
Gilda ssikkata,
Mieghi nkaxxata,

U jghidu n-nies: "Din tmerihiex!"
Mutur li jqum eluf ta' liri,
B'dak li l-ilbies inkun tal-genn,
Hekk sieqi ntella'
Qisni mudella,
Ghidli xi trid aktar, man?

***RIT:***

*L-istess bhalhom jien*
*Ma rridx nitlef zmien,*
*Jarawni fuq tieghi*
*Kuljum bi drink mieghi,*
*Jghidu din all right!*

*Ikun b'hekk bhall-kbar,*
*U nhossni ahjar,*
*Irrid niehu l-hajja*
*Il-hofor u t-tlajja'... bic-cajt!*

---

## XENA 19

---

Xark jippassigga minn naha ghal ohra... nervuz.
Freddie jdur warajh mifxul u donnu kemmxejn imbezza'.

XARK — Jien ... dejjem jien irrid nahseb f'kollox. Kieku qatt xi hadd minnkom johrog b'wahda tajba!!

FREDDIE — Imma Xark.. inti stess ghidt li dis-siegha sejrin tajjeb.

XARK — *(Jahtfu)* Ixxx ... iskot ja mbecilli. Qed tara kemm ghadek ma taf xejn! Mela halli nipprova nghallmek zewg regoli ewlenin. L-ewwel: Qatt ma tista' tkun sejjer tajjeb bizzejjed. It-tieni: Jekk jidhirlek li tassew sejjer tajjeb, qatt tammetti.

FREDDIE — Imma bhal issa ahna liema regola qeghdin nobdu: ta' l-ewwel jew tat-tieni.

XARK — It-tnejn flimkien. Ejja... ghall-argument nghidu li mas-sinjuri sejrin mhux hazin. Imma mas-sezzjoni l-ohra... qed tifhimni? ma' dawk li **mhumiex** sinjuri zgur li niustghu mmorru wisq u wisq ahjar.

FREDDIE — Imma din tifhimnha Xark. Dawn jixtru skond il-but.

XARK — Ghandek zball! Zball kbir. Hadd ma joqghod iqis il-but meta jixtri
La l-kbar u wisq anqas iz-zghazagh. Jixtru dak kollu li jiggennu warajh. U biex xi hadd jiggennen jehtieg li ikun hemm min igennu. Issa qed tifhem.

FREDDIE — F'kelma wahda.. lil din is-sezzjoni li mhix sinjura, ghadna ma genninnihiex bizzejjed.

XARK *(b'ton ta' sodisfazzjon sarkastiku)* Isa... sa fl-ahhar... wasalna xi mkien.

FREDDIE Imma Xark, lil dawn, li l-flus ghad-dispozizzjoni taghhom huma limitati, wiehed ikun irid igenninhom aktar bil-goff. Mhux hekk?

XARK Bravu! Tassew bravu!

**<u>KANZUNETTA Nru 4</u>**

*(Il-Partita)*

XARK
Naqbel mieghek jehtieg li ngennuhom
Nistorduhom... kuljum, kull hin,
Immexxuhom bic-cinga f'idejna,
Jew nigbdulhoml-ispag, bhall-pupazzi ckejknin.

Nghidulhom x'ghandhom jaghmlu, ghadhom zghar, ma jafux,
Ghax ahna biss l-esperti w huma ckejkna w ma jifhmux,
Jekk b'ghaqal ingennuhom, ibqa' cert ma jintebhux,
Gost tassew kbir ghax minghajrna ma jghixux.

FREDDIE
Jien naf kif ingenninhom, ghandi kollox ippjanat,
Avolja hawn min jahseb illi jien daqsxejn spissjat,
Kampanja ser inhejji bi kliem tqil u kkomplikat,
Li se jgennek fil-pront... jistordik fi ftit sighat.

XARK
'Kk ghandek hila li taghmel dan kollu,
Bonus tajjeb jien zgur naghtik,
Niehu gost jekk narak tipprometti,
U t-*tricks* kollha tal-*business* jien lest li nurik.

FLIMKIEN
Jekk nghaqqdu l-forzi taghna u bir-reqqa nippjanaw,
U lil dal-gozz fidili naghrfu sew kif nisfruttaw,
L-ingassa madwar ghonqhom naqra naqra nissikkaw,
U nhajruhom kull hin, biex flimkien jixxalaw.

U l-qligh jizdied bla razan ghax il-flus igibu l-flus,
F'dan in-negozju taghna jehtieg tkun avventuruz,
Tkun taf ixxidd tbissima, dejjem dhuli u gustuz,
XARK
Dawn iz-zghazagh ghal qalbi... jien inhobbhom zgur,
Minn fuqhom sirt sinjur .

---

## XENA 20

---

CABARET Imma sinjuri, issa intom ilkom bil-qieghda zzejjed u la darba s-siggijiet ta' din is-sala mhumiex bhal dawk li ghandu Silvester Stallone fil-villa

tieghu, taghmlu tajjeb jekk ticcaqlaqu ftit biex l-imsejken warrani ma jibqax imsejken.
U biex incaqalqukom ftit ghandna ghalikom sorpriza. Iva sinjuri... sorpriza aktar milli kieku ghoxrin gokaturi jaqtghu flimkien in-numri kollha tas-Super-Five.

*Titfacca tfajla liebsa kollox pulit ghall-ahhar u bi tbissima ffrizata fuq wiccha. It-tfajla ghandha f'idejha kaxxa mimlija bottijiet ta' fwieha spej gdida. Fuq il-bottijiet ikun hemm tikketta: "**Xvajzer Natural Anatomical Super Body Scent** "*

CABARET Mela sinjuri.. isa... ghiduli.... Kemm hawn minnkom li juzaw xi tip ta' fwieha jew *deodorant* jew.... *after shave lotion (din ta' l-ahhar tinghad jekk fl-udjenza jkun hemm l-irgiel).* Isa ha nara... ghollu jdejkom. Ehhh.. prosit... qed taraw... kulhadd!
Kulhadd xi darba jew ohra juza l-fwieha la darba n-natura ma hasbitx li taghtina l-gharaq imfewwah bil-lest. Huwa propju ghalhekk li l-manifatturi tal-fwejjah dejjem jippruvaw jiskopru fwejjah godda li huma l-aktar adattati ghall-hajja tal-lum. Ghax naturalmet, dari, meta kulhadd kien irabbi l-baqar, kien ikun ghalxejn li toqghod tbexxex il-fwieha. Imma llum sinjuri, meta l-baqar ukoll ghandhom il-problemi taghhom u qed isiru tassew *Tal-Genn...*id-ditta Svediza ***Xvajzer*** irragunat b'mod aktar professjonali. Gabret flimkien tim ta' xjenzjati mid-dinja kollha u flimkien inxtehtu jistudjaw x'inhu l-effett tal-fwieha fuq is-sensi taghna.
Isimghu ftit parti zghira mir-rapport taghhom.

TFALJA ***"Il-gisem taghna fih 2,222 glandola principali, 3,333 glandola minuri u 4,444 glandola mikroskopika. Minn kull wahda minn dawk il-glandoli mikrospokici johrog forma ta' gharaq fin u rqiq li jhalli riha ckejkna... riha li jkollha doza u karatteristika diffrenti ghal kull persuna."***

CABARET Din hija biss silta mir-rapport tat-tim tad-ditta ***Xvajzer*** ... rapport ta' mitejn u tlieta hamsin pagna u sitt versi. Rapport li jigbor fih snin twal ta' ricerka u esperimentazjoni... ricerka li wasslet ghal *break-through* famuz. Ix-xjenzati taz-***Xvajzer*** sabu li hawn *(turi n-naha ta' wara ta' l-ghonq)* hawn.. preciz wara l-ghonq, tinsab il-glandola ewlenija li tikkontrolla l-irwejjah kollha li jixhtu l-glandoli l-ohrajn. U b'hekk twieled.. para-pappa-paaaa... dan il-prodott *(minghand il-kaxxa tat-tfajla jiehu wiehed mill-bottijiet.)*
***Xvajzer Natural Anatomical Super Body Scent.*** Irrid voluntiera minnkom biex tippruvah. Ejja.. come on... *(jaghzel lil xi hadd mill-udjenza)* Hawn prosit... aghtuha capcipa.

Inti se tkun l-ixxurtajata... l-ewwel persuna f'Malta li se jkollok l-opportunita' tipprova din il-fwieha eccezzjonali. *(Tisserja)* Nitlob lill-udjenza zzomm ftit tas-skiet peress li dan huwa test importanti hafna.

*JITBAXXEW ID-DWAL... MUZIKA HAFIF TA' 'SUSPENSE'..*

Baxxi ftit rasek 'l isfel. Aghlaq ghajnejk. Hu nifs twil 'il gewwwa. U hekku... zewg *puffs* ta' sprej. One.... two... ibqa' b'ghajnejk maghluqin. Nghoddu hamsa *(thajjar lill-udjenza tghodd maghha)...* one-two-three-four-five.
*(B'eccitament)* Iftah ghajnejk. Hu nifs twil! X'inti thoss? Hux bhal tingiz ma' gismek kollu? Brava. Prosit. U qed thoss bhal freskezza tigri ma' dirghajk ... u issa qed thossha mat-truf ta' subghajk u b'mod specjali hawn wara ghonqok. Qed thossha? *(Anki jekk il-persuna tghid le,CABARET ma jaghtix kas... anzi ahjar... jibqa' ghaddej bhallikieku qed tghid IVA)* . Prosit.
Capcipa sinjuri... capcipa...

*Tidhol mill-gdid muzika hajja waqt li CABARET jtkompli jghid:*

***Xvajzer Natural Anatomical Super Body Scent*** - il-fwieha li ddum fuqek tlitt ijiem shah u shabek ixommuk gej minn kantuniera 'l boghod. U fuq kollox, ir-riha taghha tinbidel skond il-persuna. Ejjew... *come-on line up...* ejjew ha xxommuha...

*MUZIKA U ZIFNA waqt li CABARET johrog xi nies mill-udjenza biex ixommu lill-persuna maghzula.*

---

## XENA 21

---

Johorgu flimkien il-XARK u FREDDIE libsin ilbies sportiv, donnhom sejrin piknik.

XARK Festa ta' fwejjah u ginsijiet, xorb u kosmetici. Kollox iffirmat minn stilisti ta' klassi eccezzjonali.

FREDDIE Eccezzjonali.

XARK Festa ta' xorb genwin, xorb li jaghmlek nies f'ghajnejn in-nies... grokkijiet li mil-lum ghall-ghada jibdluk f'personalita' originali.

FREDDIE Originali.

XARK Festa ta' duhhan u sigaretti, li jitilfuk mid-dinja li jhalluk tmiss b'idejk il-polz tal-hajja tal-lum... hajja normali.

FREDDIE Normali.

XARK Ifirhu u ddevertu hbieb f'din il-festa ta' gid. Hudu gost u hallu kollox f'idejna. Ahna nafu nohdulkom hsieb ta' kollox. Nurukom kif

ghandkom tilbsu, kif tizzejnu, kif tghaddu siegha buzz, kif timporessjonaw lill-ohrajn, kif tezistu u kif tghix. Festa hbieb... festa!

***MUZIKA***

*JOHORGU TLIET TFAJLIET (MUDELLI) LIBSIN ILBIES GROTTESK... SFILATA TAL-MODA, WAQT LI CABARET JOHROG JAGHMEL KUMMENTARJU:*

***NOTA**: Dan il-kummentarju jkun irid jigi mmodifikat skond l-ilbies li se jilbsu l-mudelli. Pero' l-kummenti generici tajjeb li jinzammu.*

CABARET **Abigail,** sinjuri.... hix helwa Abigail eh? Imma araw kemm tidher aktar helwa b'dan l-ahhar disinn ta' l-istilista' *Jiarre Charden*... libsa ispirata mill-fibra determinanti tal-karattru femminista ta' zmienna. Linji certi, qatghat dritti u drapp wieqaf. Kollox alert, sinjuri! Il-kritici jbassru li dan se jkun l-istil tas-seklu l-gdid.

U din hi **Chantelle!** Hawnhekk qed naraw Chantelle gdida waqt li qieghda tesibixxi l-istil sportiv ta' l-istilista veteran *Arman de Le Verne...* drapp li jaqbel sew mal-klima sportiva taz-zghazagh tal-lum... klima li ma nsibuhiex biss fl-isport, imma kull fejn ikun hemm iz-zghazagh. Din l-*out-fit* inhadmet apposta ghal maghrufa Karen Slone.

Hello **Amanda!** *You're simply switching me ON.* Amanda liebsa ghal okkazjoni formali... materjal ileqq, jaqa' u hafif. Il-linja hielsa u l-qatghat fit-tul jissuggerixxu tahlita ta' formalita' u freskezza... kollha karatteristici tal-mara moderna.

---

## XENA 22

---

*JIDHLU L-GRUPP ZGHAZAGH TAL-BIDU:*

FLIMKIEN Ahna t-tfajliet u l-guvintir tal-Generation-X. Tafu l-ghaliex jghidulna hekk? Le? Your business! Ahna l-generations tad-discos:
Dixies, Slimmers, Fellow-Rockers, Rambo, Ghost Busters, Show-Case-Trim, Bummer 5!

GUVNI-1 Biex niehdu ftit buzz, il-lejla ghas-*Sleazer* imbaghad ghall-*Jives.*

TFAJLA-1 *Jeans Weasel* Lm30 *stonewashed*, biex Jason l-Ghadmu jiffansjani. Qmis, dublett u zarbun *Fleeplay* Lm120. Nofshom silifhomli Martin is-Sigarru u ma nafx meta se naghtihomlu lura.

TFAJLA-2 Zarbun Dr. Gartin ma sibtx ghax saqajja zghar.

GUVNI-2 Zarbun designer, man. Bounty Jack Lm35

TFAJLA-4 Doctor Gartin, bil-hadid u bil-ponta, jekk joghgbok. How much? Lm45. Thanks u hallik mill-ircevuta tal-VAT. Biha u minghajrha xorta.

GUVNI-3 Jeans Fiammini jew Bajfil - Lm25 ...u ha nghidlek... iggiddimt biex xtrajtu!

FLIMKIEN Ahna tal-Generation-X.
A Tad-Diexy u s-Slimmers.
Tar-Rocker u Stickers.
B Id-drink Kalibu'
U l-life fil-Bambu'
A Tal-voka bil-coke
U l-qomos tal-Bloke
B We're nice dolls 'n guys
And we're full of spice

Flimkien Ahna Generation-X. Tal-Weasel u d-Disco. Ghandkom permess tisolhuna.

---

## XENA 23

---

*JIDHLU X-XARK U FREDDIE... libsin l-istess ilbies ta' qabel izda bil-qasab tas-sajd f'idejhom.*

XARK U ahna mmorru nistadu...

FREDDIE U xi haga dejjem jirnexxilna naqbdu....

XARK Basta jkollna lixka tajba... xi gamblu jinten...ftit gobon imrangat...

FREDDIE U l-hut erhilu gej....

XARK Bil-gzuz. Jibla' l-lixka bis-sunnara b'kollox. Mazzuna wara mazzun!

FREDDIE U lanqas biss jintebhu.

XARK Jew meta jintebhu jkun tard wisq. Evviva l-istagun tas-sajd.

FREDDIE Min gej jistad maghna....?

XARK *(Jahtfu... imma jibqa' f"burdata festiva).* Iskot ja nofs mohh. Nistadu wahidna... ahna biss. Ma jaqbilx naghtu pubblicita' lill-pubblicita'. Tlaqna !

CABARET U allura ahna se nibqghu hawn? Tghid x'jaqbel naghmlu... immorru nistadu maghhom baxx baxx, jew nistennew min jistadna? Ma nafx.. intom aghmlu li tridu, imma jien se nitla' fuq blata fil-gholi u noqghod nittawwal... noqghod nara kemm lil min jistad u kemm lil min jinqabad.
U jekk trid tigi mieghi, orbot is-*seat-belt* u tghidx kelma ohra, ras !

----------- TMIEM -------------